MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-27 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 90/2009

**Kaptan Mario Grech**

**Vs**

**Gozo Channel Company Limited u Dr Joseph Grech fil-kwalita' tieghu ta' Chairman tal-kumpannija Gozo Channel Company Limited.**

**Awtorita' Pubblika tinkludi kumpannija b'responsabbilta' limitata li hi tal-Gvern ? Artikolu 469A tal-Kap. 12.**

Permezz ta' din il-kawza[1] l-attur qieghed jikkontesta d-decizjoni tas-socjeta konvenuta li tissospendih mix-xoghol fejn hu mpjegat bhala *senior master*. L-azzjoni saret ai termini tal-Artikolu 469 tal-Kap. 12 li jittratta l-istharrig

[1] Prezentata fl-1 ta' Dicembru 2010.

gudizzjarju ta’ eghmil amministrattiv. Permezz ta’ nota prezentata fis-17 ta’ Dicembru 2009 l-attur iddikjara:-

*“....... kif ser jigi pruvat dettaljament waqt il-kors tas-smigh ta’ din il-kawza l-agir tal-konvenuti huwa ultra vires ghal (recte ghax) jilledi u jikser, l-erba paragrafi kollha kemm huma, ta’ l-Artikolu 469(A) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.”* (fol. 15).

Permezz tat-tieni eccezzjoni l-konvenuti qeghdin isostnu li r-rikors guramentat hu null ghaliex l-Artikolu 469 tal-Kap. 12 ma japplikax.

Il-fatti huma s-segwenti:-

(a) L-attur hu mpjegat bhala *senior master* mal-kumpannija konvenuta skond kuntratt ta’ impjieg datat 4 ta’ Frar 2002 (fol. 16). Ilu jahdem mal-kumpannija konvenut sa mit-23 ta’ Marzu 1994.
(b) Id-dmirijiet tal-attur jinkludu:-
*“Implementing the safety, health and environmental policy of the company on the basis of international conventions, codes and national legislation.*
*Omissis*
*Report to the company such defects and other matters which could affect the safe operation of the vessel or could present a risk of pollution, and which require the assistance of the company to ensure that they are rectified.”* (fol. 21).
(c) Permezz ta’ protest gudizzjarju prezentat fl-24 ta’ Settembru 2009 (fol. 23) l-attur sejjah lis-socjeta konvenuta, lill-kap ezekuttiv tal-kumpannija u lic-Chairman, u lill-Prim’Ministru sabiex jiehdu l-passi necessarji fir-rigward ta’ diversi nuqqasijiet li rrefera ghalihom f’dan l-att gudizzjarju. Allega li l-kaptan qieghed jigi mgieghel jopera bi ksur ta’ regoli ta’ sigurta’, u semma numru ta’ ezempji: apparat ta’ salvatagg u sigurta meta jkun qieghed isirlu l-manutenzjoni ma jigi sostitwit b’apparat iehor; fuq ir-rotta bejn l-Mgarr u Sa Maison kien qieghed ikun hemm tghabbija li teccedi l-piz permess; f’Gunju 2009 kien irrizulta li fit-tankijiet ta’ l-ilma ta’ tlett vapuri kien hemm il-bacteria tal-legionella; u hinijiet ta’

mistrieh fl-iskeda tax-xoghol ma kienux qeghdin jigu osservati.
(d) Il-kumpannija konvenuta tikkontesta l-allegazzjonijiet li saru mill-attur.
(e) Permezz ta' ittra datata 25 ta' Frar 2009 mibghuta mill-Kap Ezekuttiv tas-socjeta konvenuta (Kaptan Fritz Farrugia) wara li ghamel riferenza ghall-protest gudizzjarju li pprezenta l-attur, infurmah li b'effett immedjat kien qieghed jigi *"..... mnehhi mir-roster u sa kemm tigi avzat mod iehor ma ghandekx tirrapporta ghax-xoghol."* (fol. 27). Jinghad li l-allegazzjonijiet kienu ser jigu nvestigati *".....kemm ghal dak li jirrigwarda l-kontenut tal-istess kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-imgieba tieghek u l-konsegwenzi tal-istess."*.
(f) Il-Ministru tal-Finanzi hatar Bord ta' Inkjesta sabiex jinvestiga l-allegazzjonijiet li ghamel l-attur, li sal-lum ghadha ma nghalqitx.
(g) L-attur ghadu sospiz mix-xoghol ghalkemm ghadu jircievi s-salarju. Il-kumpannija konvenuta ddikjarat li s'issa ghadhom ma ttiehdu l-ebda passi dixxiplinari kontra l-attur.
(h) L-azzjonisti tal-kumpannija konvenuta huma Malta Government Investments Ltd (1,410,849) u Malta Investment Management Company Limited (sehem wiehed). Fis-seduta tat-3 ta' Frar 2010 id-difensur tal-konvenuti ddikjara: *"...... **z-zewg kumpanniji azzjonisti fil-kumpannija konvenuta huma tal-Gvern** u li l-Bord tad-Diretturi huwa nnominat ultimament mill-Gvern, fil-fatt Dr Joseph Grech ikkonferma li letter of appointment tad-diretturi kollha tohrog mill-Ministru tal-Finanzi li hu responsabbli ghal din il-kumpannija."* (fol. 83). Fl-istatut tal-kumpannija jinghad li Malta Government Investments Limited qeghda tagixxi ***"....as agent for the Government of Malta"***.
(i) Il-partijiet jaqblu wkoll li l-kumpannija konvenuta kienet registrata taht il-Ligi tal-Kumpanniji u *"..... li ma tezisti l-ebda ligi ad hoc li biha twaqqfet l-imsemmija kumpanija."* (fol. 83).

L-Artikolu 469A tal-Kap. 12 jipprovdi ghal stharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva meta l-eghmil jikser il-Kostituzzjoni jew ikun *ultra vires*. Mill-provvediment hu

evidenti li l-eghmil amministrattiv irid ikun twettaq minn **"awtorita pubblika"**, li skond l-istess provvediment tfisser:

***"il-Gvern ta' Malta, maghdudin il-Ministeri u dipartimenti tieghu, awtoritajiet lokali u kull korp maghqud kostitwit permezz ta' ligi."***.

Provvediment li giet introdott bl-Att XXIV tal-1995. Fl-abbozz ta' ligi awtorita' pubblika kienet definita:-

*"(a) any minister and any parliamentary secretary;*
*(b) any department, public authority, local council, body coroporate established by law, committee, council, tribunal, board and any other public administrative entity and their officers."* (ara *Justice Within a Reasonable Time* November 1993[2]).

M'hemmx kontestazzjoni li Gozo Channel Company Limited hi kumpannija tal-Gvern li qeghda toffri servizz pubbliku ta' trasport bil-bahar bejn il-gzejjer ta' Malta u Ghawdex. Jezistu iktar kumpanniji li huma tal-Gvern. Hekk per ezempju kienet il-kumpannija Sea Malta Limited li kienet toffri servizz ta' trasport bil-bahar fil-Mediterran u li l-Gvern kien iddecieda li ghandha tigi privatizzata, izda li finalment giet xjolta. Il-kumpannija konvenuta giet registrata bhala kumpannija b'responsabbilta' limitata u f'dan il-kuntest hi differenti minn korporazzjoni pubblika li titwaqqaf b'ligi sabiex tmexxi attivita' tal-Istat. Gozo Channel Company Limited ma twaqqfitx b'ligi imma bl-istatut li gie registrat mar-Registru tal-Kumpanniji u bil-hrug tac-certifikat ta' registrazzjoni. Min-naha l-ohra ghalkemm il-kumpannija hi mmexxija minn bord ta' diretturi, fir-realta' hi kontrollata mill-Gvern u taqa' taht ir-responsabbilta' tal-Ministru tal-Finanzi.

Interessanti li jigi senjalat li:-

[2] Pubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni.

(a) Fir-rigward ta' ghoti ta' kuntratti din il-kumpannija hi soggetta ghar-Regolamenti dwar Kuntratti Pubblici (S.L. 174.04).
(b) L-Ombudsman ghandu l-funzjoni li jinvestiga kull azzjoni li ssir minn kull socjeta li fiha l-Gvern ikollu kontroll ta' l-ishma jew li fuqhom ikollu kontroll effettiv (Artikolu 12 tal-Att dwar l-Ombudsman (Kap. 385).
(c) Fl-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (Kap. 497) ***"entita tal-Gvern"*** tfisser *"organizazzjoni, li ma tkunx dipartiment tal-Gvern, agenzija tal-Gvern jew socjeta' kummercjali, li fiha l-Gvern ikollu kontroll effettiv, sew jekk dik l-organizazzjoni tkun jew ma tkunx imwaqqfa b'ligi."*. Dan l-att ghandu l-mira li jsahhah it-tmexxija tas-servizz pubbliku u ntiz li jipprovdi ghal iktar flessibilita' fil-mod kif jitmexxew id-dipartiment governattivi. Jidher ghalhekk li socjeta kummercjali ma taqax taht id-definizzjoni ta' entita' tal-Gvern.
(d) Fl-att dwar il-Gustizzja Amministrattiva (Kap. 490), **"amministrazzjoni pubblika"** tfisser *"il-Gvern ta' Malta, maghdudin il-Ministeri u d-Dipartiment tieghu, u awtoritajiet lokali u kull korp maghqud kostitwit permezz ta' ligi."*. Kliem identiku ghal dak li nsibu fl-Artikolu 469A tal-Kap. 12.

Il-kawza **Hotel Cerviola Company Limited et vs Malta Shipyards Limited** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Settembru 2009, kienet tittratta kawza ta' stharrig dwar eghmil amministrattiv skond l-Artikolu 469A tal-Kap. 12. Il-kumpannija konvenuta eccepiet li dan il-provvediment ma kienx japplika fil-konfront taghha ghaliex ma tikkwalifikax bhala awtorita' pubblika. Il-Qorti osservat:-

*"........ il-Qorti hi tal-fehma li anke fil-kaz ta' kawzi dwar stharrig gudizzjarju, hi ghandha thares lejn is-sustanza ta' l-affarijiet u ta' dak li qed jigi mitlub li jigi protett u mhux toqghod semplicement fuq l-apparenzi jew id-definizzjonijiet jew klassifikazzjonijiet formali.* ***Ghalkemm il-kumpanija konvenuta, bhala successur tal-Malta Drydocks u tal-Malta Shipbuilding Co. Ltd giet moghtija libsa ta' kumpanija kummercjali, fis-sustanza u fil-kuntest li fih giet kostitwita, hija kienet sostanzjalment korp mwaqqaf b'ligi u li jappartjeni u li***

***hu kontrollat mill-Gvern. Ghalhekk bhala 'awtorita` pubblika' kontrollata totalment mill-Gvern hi soggetta ghall-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti** li tista' tezamina u tiddeciedi jekk l-istess kumpanija mxietx skond is-setghat moghtija lilha mil-ligi fit-twettieq tal-poter ezercitat minnha."* (enfazi ta' din il-qorti).

Fuq l-istess binarju hi s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili[3] fil-kawza **Is-socjeta Euro Chemie Products Limited vs Malta Industrial Parks Limited** deciza fid-29 ta' Settembru 2009, fejn il-kumpannija konvenuta kienet is-successur tal-Korporazzjoni ta' Malta ghall-Izvilupp[4].
Din il-qorti tistqarr li fil-kaz taghna s-sitwazzjoni hi kemxejn differenti mill-kazijiet fuq imsemmija, ghaliex ma jirrizultax li Gozo Channel Company Limited hi successur ta' xi korporazzjoni li kienet imwaqqfa b'ligi. Il-kumpannija konvenuta giet kostitwita bl-Istatut li kien gie prezentat fir-Registru tal-Kumpanniji u bic-certifikat ta' registrazzjoni mahrug mir-Registratur tal-Kumpanniji. Ghalhekk il-kumpannija konvenuta ma jidhirx li tikkwalifika bhala "....*korp maghqud kostitwit permezz ta' ligi."* (Artikolu 469A tal-Kap. 12) ghaliex ma twaqqfitx b'ligi. Id-domanda hi jekk il-kliem li ntuza fid-definizzjoni ta' *"awtorita pubblika"*, huwiex biss illustrattiv jew komprensiv ? Il-qorti hi tal-fehma li bil-kelma **"maghdudin"** (*"including"* fit-test Ingliz) il-ligi qeghda tipprovdi biss ghal numru ta' ezempji. F'dan ir-rigward hu rilevanti dak li jinghad fil-ktieb ***How to Understand an Act of Parliament*** ta' DJ Gifford u John Salter (*Cavendish Publishing Limited,* 1996) jinghad:- *"When a definition in an Act of Parliament says that the word that it defines 'includes' the particular things set out in that definition, the definition itself is left open.* ***A definition which uses the word 'includes' is 'not a precise definition'. Of course, it includes all the***

[3] Imhallef Joseph R. Micallef.

[4] Ara wkoll sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef T Mallia) fil-kawza **Gafa' Saveway vs Malta International Airport plc** deciza fis-7 ta' Marzu 2008 fejn il-kumpannija konvenuta giet meqjusa li hi awtorita' pubblika u soggetta ghas-sindakabilita' tal-qorti u ghamlet riferenza ghal sentenza tal-istess qorti (diversament presjeduta) fil-kawza **Borg vs Gvernatur tal-Bank Centrali ta' Malta** deciza fl-1 ta' Marzu 2004, u partikolarment ghal dik il-parti fejn il-qorti spjegat il-mod kif il-qrati jissindikaw diskrezzjoni li tkun inghatat lil xi awtorita' pubblika.

***matters specifically itemised in it, but it 'does not therefore exclude other matters'.*** *The definition which uses 'includes' does not purport to be exhaustive. Everything that falls within the ordinary meaning of that word still falls within the meaning of that word as it is used in that Act of Parliament. In addition, the things which are specifically set out in the definition also fall within the meaning of that word as it is used in that Act.* ***Other matters which are not set out in the definition, and which would not fall within the ordinary meaning of the word, can also fall within the meaning of the word in that Act.*** *As a general rule, when the word 'includes' is used in a definition that definition has been inserted in the Act to give that word a wider meaning than it would otherwise have. Thus, it has been said that the use of the word 'includes' in a definition 'is appropriate where it is sought to apply a word in a sense which it does not normally bear, or to make it clear that the word has a meaning about which otherwise soem doubt might be felt.'"* (pagna 51 – enfazi tal-qorti).

Il-fatt li l-Gvern ikun ghazel li jopera permezz ta' kumpannija u mhux korp kostitwit b'ligi, ma ghandux ifisser li b'daqshekk dik il-kumpannija li tkun qeghda taqdi funzjoni pubblika m'ghandix tkun soggetta ghal stharrig taht l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 fejn twettaq *"eghmil amministrattiv"*. Hu fatt maghruf li ***"The actions of public corporations are judicially reviewable in the same way as those of other bodies, where they have powers of a public law character.*** *Thus the Independent Television Commission's licensing decisions are subject to judicial review, and a decision of British Coal, before privatisation to close certain coal mines was successfully challenged."* (*Administrative Law*, 10 Edizzjoni H.W.R. Wade, u C.F. Forsyth, 2009 pagna 123). Il-qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn dan l-istess ragunament m'ghandux japplika fil-kaz ta' kumpannija tal-Gvern bhas-socjeta konvenuta.

Rajna kif l-inkjesta bdiet fuq ordni tal-Ministru tal-Finanzi wara l-protest gudizzjarju prezentat mill-attur fl-24 ta' Settembru 2009 u nghata pubblicita fil-gazzetti. Ghalkemm ma tressqux provi dwar jekk il-Ministru tal-

Finanzi kienx jaqbel mad-decizjoni li l-attur jitnehha mid-*duty active roster* u li jibqa' jircievi s-salarju tal-kariga li ghandu mal-kumpannija Gozo Channel Company Limited, il-qorti tifhem li d-decizjoni kienet approvata mill-Ministru. Tant hu hekk li l-ordni ghadha fis-sehh sal-lum. Mill-provi li tressqu sal-lum jirrizulta li f'April 2009 l-attur baghat jilmenta lill-Prim'Ministru li kienet qeghda ssir vendikazzjoni kontra tieghu u qieghed isofri ngustizzji. Spjega wkoll kif persuna kienet inghatat il-kariga ta' kaptan minghajr harget sejha interna ghall-applikazzjonijiet u minghajr *interview*. Jirrizulta li l-Prim'Ministru wiegeb lill-attur u nfurmah li l-kumpannija konvenuta taqa' taht ***"id-dikasteru tal-Ministru tal-Finanzi"*** (fol. 70), u staqsih jekk kienx issib diffikulta jekk ighaddi l-ilmenti tieghu lill-Ministru responsabbli. Min-naha tieghu l-attur wiegeb u ikkonferma li l-informazzjoni setghet tinghata lill-Ministru tal-Finanzi. Cirkostanzi li jkomplu jsahhu l-fehma tal-qorti li ghalkemm socjeta kummercjali, il-kumpannija konvenuta hi fir-realta' taht il-kontroll tal-Gvern.

Certament hi kwistjoni ohra jekk l-ilment tal-attur jikkwalifikax bhala **"eghmil amministrattiv"** jew hijiex sempliciment materja tad-dritt privat, kwistjoni li m'hijiex tigi trattata f'din is-sentenza.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti u tordna l-prosegwiment tal-kawza. Spejjez a karigu tas-socjeta konvenuta.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------